**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 2 ta' Dicembru, 2015

Rikors Nru : 370/15 AL

**A B**

***vs***

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet:

Illi l-esponenti kienet mizzewga lil C D (ID 16380 M) liema zwieg kien gie kkontrattat fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Marzu elfejn u tmienja (2008) (Dok. A);

Illi l-partijiet isseparaw permezz tal-kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Marco Farrugia datat erbgha (4) ta' Frar elfejn u hdax (2011) (Dok. B);

Illi mill-imsemmi zwieg ma twieldux tfal;

Illi m'hemm l-ebda manteniment dovut ai termini tal-istess kuntratt ta' separazzjoni hawn fuq imsemmi;

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta tal-intimat, li permezz taghha jecepixxi :

Illi fl-ewwel lok m'hemm l-ebda tort imputabbli lill-esponent;

Illi madanakollu l-esponent m'ghandu l-ebda oggezzjoni ghat-talbiet rikorrenti purche' l-kuntratt ta' separazzjoni datat 4 ta' Frar 2011 fl-atti tan-nutar Dr Marco Farrugia jibqa jirregola l-pozizzjoni tal-kontendenti u ma jigix varjat jew b'xi mod mibdul u cioe' l-imsemmi kuntratt jibqa' intatt;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-22 ta' Settembru, 2015;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-4 ta' Frar 2011 u illi ilhom snin twal mifrudin;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.